



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

26.6.2013

B7-0322/2013

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

impressqa skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-għargħar fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali  
(2013/2683(RSP))

**Jaromír Kohlíček, Jiří Maštálka, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek,  
Patrick Le Hyaric, Lothar Bisky, Helmut Scholz, Sabine Wils,  
Jürgen Klute, Alfreds Rubiks, Gabriele Zimmer**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\941507MT.doc

PE509.970v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-għargħar fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali (2013/2683(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 191 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2005)0108) u l-pożizzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2006<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa<sup>2</sup>, tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (in-nirien u l-għargħar) fl-Ewropa das-sajf<sup>3</sup>, tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (in-nirien tal-foresti, in-nixfa u l-għargħar) – l-aspetti agrikoli, l-aspetti tal-iżvilupp reġjonali u l-aspetti ambjentali<sup>4</sup>, u tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-nirien tal-foresti u l-għargħar<sup>5</sup>, kif ukoll tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-għargħar fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali, b'mod partikolari fil-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Rumanija, u fi Franza<sup>6</sup>,
  - wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni bit-titolu “L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni” (COM(2009)0147) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem (COM(2009)0082),
  - wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-11 ta' Diċembru 1997 u r-ratifika tal-Protokoll mill-Komunità fl-4 ta' Marzu 2002,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi seħħ diżastru naturali kbir, fl-għamla ta' għargħar f'diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija, is-Slovakkja, l-Ungerija u Franza, li wassal sabiex xi nies mietu jew indarbu u għall-ħtieġa li jiġu evakwati eluf ta' persuni;
- B. billi dan id-diżastru kkawża ħsara serja, inkluż għall-infrastruttura, l-intrapriżi u l-art li tinħadem, u qered ukoll elementi mill-wirt naturali u kulturali, u possibbilment ħoloq riskji għas-saħħa pubblika;

---

<sup>1</sup> ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 331.

<sup>2</sup> ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.

<sup>3</sup> ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.

<sup>4</sup> ĠU C 297 E, 7.12.2006, pp. 363, 369 u 375.

<sup>5</sup> ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 240.

<sup>6</sup> ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 128.

- C. billi huwa meħtieġ li ssir rikostruzzjoni taż-żoni li nqerdu jew li saritilhom ħsara minħabba d-diżastru biex tpatti għat-telf ekonomiku u soċjali;
1. Jesprimi s-solidarjetà qawwija tiegħu mar-residenti tar-reġjuni milquta mid-diżastru; iqis l-effetti ekonomiċi serji possibbli tagħhom u jonora u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi;
  2. Nesprimu d-dizappuntament tagħna li xi politikanti jippreżentaw dan id-diżastru bħala opportunità intraprenditorjali bħal fil-każ tal-Uruga Katrina fin-Nofsinhar tal-Istati Uniti fl-2005, meta Milton Friedman ippreżenta l-għargħar bħala pretest biex jeqred il-bqija tas-settur pubbliku;
  3. Jirrikonoxxi l-isforzi bla waqfien li saru mill-unitajiet tat-tfittxija u s-salvataġġ, kemm dawk professjonali kif ukoll dawk volontarji, li jsalvaw il-ħajjiet u jnaqqsu l-ħsara fiż-żoni milquta, kif ukoll dawk il-ħafna ċittadini individwali li ġġieldu biex isalvaw il-mezzi tal-għajxien tagħhom u l-ambjent tal-madwar;
  4. Jemmen li dawn id-diżastru se jkollhom konsegwenzi mhux biss fuq livell nazzjonali, u għalhekk jitlob għal impenn reali favur ir-reġjun rurali fil-livell tal-UE;
  5. Jitlob lill-gvernijiet nazzjonali u reġjonali tal-pajjiżi konċernati jipprovdu l-ghajjnuna kollha meħtieġa biex jipprovdu l-ghajjnuna u l-appoġġ kollha meħtieġa flimkien mal-ghajjnuna ta' emerġenza tal-UE u b'kooperazzjoni mill-qrib magħha;
  6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni timmobilizza programmi ta' ghajjnuna urġenti tal-UE u l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE bl-aktar mod flessibbli possibbli u mingħajr dewmien, u biex tagħmel disponibbli r-riżorsi meħtieġa għall-għan li tittaffa t-tbatija u jiġu appoġġati l-pjanijiet ta' riabilitazzjoni għaż-żoni milquta, kif ukoll l-irkuprar tal-potenzjal produttiv tagħhom;
  7. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jappoġġaw liż-żoni milquta mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tad-diżastru bl-iktar mod rapidu possibbli;
  8. Jistieden lill-Kummissjoni tkun flessibbli fir-rigward tan-negozjar mal-awtoritajiet rilevanti jekk reviżjoni tal-programmi operattivi rilevanti taħt l-ippjanar u l-implimentazzjoni ssir neċessarja fir-reġjuni milquta mid-diżastru;
  9. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra d-differenzi bejn ir-reġjuni milquta, li jinkludu żoni muntanjużi u li jinsabu viċin ix-xmajjar, sabiex il-vittmi jiġu meġhjna bl-aħjar mod possibbli;
  10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tippromwovi miżuri sabiex ix-xogħlijiet pubbliċi ffinanzjati mill-fondi tal-UE jinkludu ammont ta' investiment pubbliku għat-titjib, il-kura, il-manutenzjoni u ż-żieda fl-infrastruttura ambjentali pubblika;
  11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex mhux biss jinvestu f'aktar diġi u miżuri għall-prevenzjoni tal-għargħar, iżda biex jiżguraw ukoll li l-miżuri għall-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar jiffokaw fuq il-prevenzjoni ta' ħsara minħabba bidliet fl-użu tal-art u billi x-xmajjar jingħataw aktar spazju fejn possibbli; iqis li miżuri bħal dawn, li jaħdmu

man-natura u mhux kontriha, jipproteġu lill-persuni, il-proprjetà u l-ambjent u jgħinu sabiex jinkisbu l-ġestjoni tal-ilma u l-ippjanar tal-użu tal-art sostenibbli mil-lat ambjentali, kif ukoll l-oġettiv tal-UE għall-bijodiversità u l-istrateġija tal-adattament għat-tibdil fil-klima tal-UE;

12. Jitlob lill-gvernijiet nazzjonali tal-Istati Membri kollha jżidu l-isforzi tagħhom fil-livell Ewropew u internazzjonali biex jiġġieldu l-kawżi u l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u biex inaqqsu drammatikament it-tipi kollha ta' emissjonijiet fl-atmosfera, sabiex jilhqqu u jaqbżu l-miri ambjentali għall-2020;
13. Jinsab imħasseb dwar l-għadd li qed jiżdied ta' diżastri naturali li, skont l-opinjoni tal-esperti, jistgħu ikunu parzjalment attribwiti għat-tibdil fil-klima u l-intensifikazzjoni ta' kundizzjonijiet tat-temp estremi, u għal prattiki tal-biedja u tal-forestrija li mhumiex effiċjenti, li huma ta' ħsara għall-ambjent, insostenibbli mil-lat ekonomiku u soċjalment obsoleti u diskriminatorji, peress li dawn jinvolve d-depopolazzjoni ta' żoni naturali kbar li l-konservazzjoni tagħhom teħtieġ preżenza umana;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali responsabbli għaż-żoni milquta.